**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Numru: 490 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ryan Farrugia**

Illum, 7 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Ryan Farrugia residenti Fl 12, Triq il-Hawha, Blk B, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' numru 404792 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli minn Gunju 2019 sa Dicembru 2020, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas milli jaghti lil Samira Lia u/jew lil uliedu, is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Novembru, 2022, fejn il-Qorti wara rat l-artikolu 338 (z), 18 u 31 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta:

Sabet illi l-imputat Ryan Farrugia hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement kkundannatu ghal tlett xhur prigunerija (3) effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellanti George Catania minnu pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha:

1. Tirrevoka *a contrario imperio* u thassar *in tot* is-sentenza fuq citata moghtija kontra l-appellant fl-imsemmija data u konsegwentament tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni u piena;

2. Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax (ALTERNATIVAMENT), joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi preliminarjament l-appellant umilment jissottometti li l-iskrittura privata bla data esibita f'dawn l-atti bhala prova tal-prosekuzzjoni ma tistax titqies bhala kuntratt jew Ordni tal-Onorabbli Qorti kif tirrikjedi l-ligi partikolarment Artikolu 338 (z) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-umli fehma tal-appellant data f'kuntratt ta' din ix-xorta huwa mehtieg sabiex jiddetermina minn meta gie fi sehh l-istess kuntrat partikolarment l-obbligu ta' manteniment. Dan kollu qed jinghad ghaliex kuntratt jew Ordni tal-Qorti huwa wiehed mill-elementi necessarji biex jissussisti r-reat ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment;

Illi l-appellant umilment jirrileva li skrittura privata bla data bhala prova f'dawn l-atti zgur li ma jwassalx lill-prosekuzzjoni sal-grad ta' sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, li huwa l-oghla livell ta' prova li l-Ligi tehtieg fis-sistema Guridiku Malti sabiex Qorti ta' gustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkuzata hatja ta' reat. Huwa livell li ghalkemm ma' jehtiegx ic-certezza assoluta, izda li huwa oghla mill-bilanc tal-probabbiltajiet;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju l-appellant umilment jissottometti li n-nuqqas tieghu li jhallas manteniment ma kienx b'xi forma ta' kapricc jew sabiex jipprova jahrab mill-obbligi tieghu, izda kien imqanqal purament mic-cirkostanzi partikolari li ghaddej minnhom l-appellant;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti l-appellant illum il-gurnata wara hafna sforzi u ghajnuna jinsab f'pozizzjoni aktar minn qatt qabel li jhares u jonera l-obbligu tieghu;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti l-appellant umilment jissottometti li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-piena inflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet wahda ezagerata u li r-rizultat taghha ser ikun li tkompli tipprekludih milli jhallas il-manteniment dovut u konsegwentement tali nuqqas zgur li jkollu effett detrimenti anki fuq il-wild minuri tieghu.

Semghet lill-avukat difensur jiddikjara seduta stante nhar is-27 ta Frar 2023 li l-appellant aderixxa ruhu mal-ordni tal-Qorti u hallas dak kollu dovut minnu fil-mori ta dan l-appell. Semgeht lil Dr Dean Hili ghall-kwerelanti Samira Lia jiddikjara li l-kwerelanti irceviet dak kollu dovut lilha bhal amanteniment u dan qabel ma gie

appuntat dan l-appell u li illum m'ghandhiex pretensjonijeit ulterjuri kontra l-appellant fir-rigward ta din il-kawza.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar**[1] kienet irriteniet testwalment hekk :-

> *......"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (**Pol. vs.Lawrence Cutajar**[2]- u **Pul. vs. Carmelo Farrrugia**[3] ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta'manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istes sSekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jewdak l-ordni kien null . "*
>
> *"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*
>
> 1. *li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta'manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digrietbhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordnikontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*
>
> 2. *li dak il-manteniment ma thallasx fi zmienhmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma .*

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2019

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998

*Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "*

Dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta *fil-kawza* ***Il-Pulizija vs. Mario Mallia*** [4] fejn ukoll gie ritenut :-

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjonitipotizza r-reat kontravenzjonali filparagrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevantimeta giet intavolata l-kawza ta'separazzjoni jew jekk ntalbitx o meno proroga taddigriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordnighall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "**Il-Pulizija vs.Lawrence Cilia**[5] ,u l-**Pulizija v. Carmelo Farrugia** [6],.ghalhekk dan l- jigi respint."*

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Camilleri**[7] fejn ghamlet riferenza ghalsentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, (**Pul. vs. Anthony** Saliba[8]) fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tasSekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant.

---

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1998

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1998

Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu talhlas skond l-ewwel Digriet.

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tichad l-appell fir-rigward tal-mertu pero qieghda timmodifika s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena billi minflok il-piena inflitta, sejra tillibera lill-akkuzat appellant taht kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**